MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Numru 590/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
v

**PHILIP PETRONI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PHILIP PETRONI** ta’ disgha w erbghin sena, bin Carmelo u Catherine nee Bray, imwieled Santa Venera nhar t-tletin ta' Jannar 1952 u residenti 'Meadow Vale', Triq Ta' Xmiexi, Imsida, detentur ta’ karta tal-identita numru 134652M gie imressaq quddiemha w akkuzat talli fit-tletin ta' Gunju 2001 u fix-xhur precedenti, f'B'Kara, b'diversi atti maghmulin gi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifika foloz,

jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ hames mija u hdax il-lira maltin bi hsara tas-socjeta Coleiro Supplies Limited.

Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 1998 kif wkoll b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Lulju 1992.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Gunju 2001 esebit fl-atti a fol 9 w immarkat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza, fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parte tal-imputat, tinstema bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-esami li sar mill-Qorti lill-imputat ai termi tal-artikolu 370 (4), 390 (1) u 329 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar d-disgha w ghoxrin ta' April 2003.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004 ghall-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif jirrizulta mill-atti processwali u appuntu minn nota ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sittax ta' Mejju 2004 mill-imputat stess [a fol 80], hu ghamel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta Coleiro Generali Supplies Limited.

Illi dan jinsab konfermat wkoll minn ricevuta esibita fl-atti markata bhala dokument A datata hamsa ta' Mejju 2004 [a fol 80] mahrug mis-socjeta kreditrici.

Illi ghalhekk is-socjeta llum il-gurnata ma sofriet ebda danni materjali u fil-fatt l-vittma f'dan il-kaz iddikjara li m'ghandux interess ulterjuri fil-proceduri odjerni peress li m'ghandux aktar pretenzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Rat li mill-verbal tas-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Orttubru 2004 jirrizulta li l-partijiet jaqblu li l-piena idoneja f'dan il-kaz, ghandha tkun *de miniminis*.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja b'diversi kontravenzjonijiet u reati registrata fuqha fejn inghata diversi pieni u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi wisq mieghu, ghalkemm stante li hu ghamel tajjeb ghad-danni minnu kagjonati, ma thossx li ghandha tinfliggi piena karcerarja.

Il-Qorti tinnota li l-imputat diga nstab hati ta' reati simili ta' frodi u ghalhekk ma thossx li hu tghallem mis-sentenzi moghtija lilu u ghalhekk hija tal-fehma li piena monetarja ghandha tinghata fil-massimu taghha sabiex din ikollha l-effetti desiderati fuq l-imputat.

**Illi ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli 308, 309, 310(1), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat PHILIP PETRONI hati fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin, liema multa ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w**

**ghoxrin lira, b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Novembru 2004.**

**Il-Qorti thoss li ghalkemm l-imputat illum il-gurnata huwa ragel anzjan, xorta ghandu bzonn minn jiggwidah u jzommu 'l boghod mill-kriminalita, ghaliex minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li huwa bniedem dghajjef.**

**Ghalhekk thoss li ghandha tpoggi lil istess imputat PHILIP PETRONI taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bl-intendiment li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kanditat ideajali bhala Ufficjal tal-Probation f'dan l-kaz li jkompli jsegwi lil hati tul l-perjodu ta' tlett snin.**

**Tordna lil imputat probationer sabiex jsegwi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation nominat, dejjem u f'kull waqt u li l-istess Ufficjal tal-Probation ghandu jinforma lil Qorti darba kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer.**
**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------